



Dokument ta' sessjoni

B8-0240/2016

28.1.2016

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-kontroll ta' investimenti barranin li jheddu l-interessi nazzjonali

Sophie Montel, Florian Philippot

Mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-kontroll ta' investimenti barranin li jheddu l-interessi nazzjonali

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi x-xiri mill-ġdid tal-fergħa tal-enerġija ta' Alstom minn General Electric (GE) imur kontra l-indipendenza tal-enerġija ta' Franza u l-interessi nazzjonali tagħha;
- B. billi GE ddikjarat li se telimina 6 500 postijiet tax-xogħol fl-Unjoni Ewropea, inklużi 765 minn Franza, minkejja l-wegħda li se toħloq 1 000 impjeg nett sal-2008;
- C. billi l-Artikolu 63 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) li jistabbilixxi l-moviment liberu tal-kapital "erga omnes", jirringi b'mod strett il-marġni ta' manuvra tal-Istati;
- D. billi d-derogi previsti mill-Artikoli 65 u 346 tat-TFUE ġew interpretati b'mod restrittiv mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni;
- E. billi mill-2007, diversi pajjiżi, fosthom l-Istati Uniti, iċ-Ċina, ir-Russja u anki l-Kanada saħħew is-sistemi tagħhom għall-kontroll ta' investimenti barranin;
- 1. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill ir-riformulazzjoni f'sens aktar wiesa' tal-Artikoli 63, 65 u 346 tat-TFUE sabiex l-Istati jkunu jistgħu jibblokkaw investimenti barranin li jistgħu jkunu ta' theddida għall-interessi nazzjonali;
- 2. Jagħti iSTRUZZJONIJET lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni u lill-Kunsill.